MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 574/2010

**Allied Newspapers Limited
C-308**

**vs**

**Bay Catering Co Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' seba' mitt Ewro u wiehed u disghin ewro centezmu (€700.91), rapprezentati servizzi rezi mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta konsistenti f'pubblikazzjoni.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-imsemmija fatturi bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali ***166A numru 5633/09***, kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ seba’ mitt Ewro u wiehed u disghin ewro centezmu (€700.91), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------